

Brussell, 10 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5076/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0193 (NLE)

CLIMA 2
ENV 3
ENER 2
IND 1
COMPET 4
MI 5
ECOFIN 6
TRANS 5
AELE 1
CH 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13716/17
Nru dok. Cion:	11699/14 - COM(2014) 427 final + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/... ta' ... dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom - Adozzjoni

1. Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.
2. Wara l-finalizzazzjoni tan-negozjati, fis-16 ta' Awwissu 2017 il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' dak il-ftehim¹, flimkien mat-test tal-abbozz ta' Ftehim. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim².

¹ Dok. 11700/17 - COM(2017) 428 final + ADD 1

² Dok. 11699/14 - COM(2014) 427 final + ADD 1

3. Fil-11 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-proposti msemmijin hawn fuq u, wara proċedura ta' silenzju informali, qabel dwar it-test taż-żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill abbażi ta' testi ta' kompromess tal-Presidenza.³
4. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti⁴. Fil-mument tal-adozzjoni, iddaħħlet dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fil-minuti tal-Kunsill⁵. Il-Parlament Ewropew ġie informat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE. Id-Deċiżjoni ġiet ippubblikata fill-Ġurnal Uffiċjali fis-7 ta' Diċembru 2017, flimkien mat-test tal-Ftehim⁶.
5. Fl-10 ta' Novembru l-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, bil-ħsieb li jiġi adottat aktar tard mill-Kunsill. Il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ biss wara li l-Konfederazzjoni Żvizzera tkun stabbilixxiet regoli li jestendu l-ETS tagħha għall-avjazzjoni u l-Parti B tal-Anness I tal-Ftehim tkun ġiet emendata biex tirreferi għal dawk ir-regoli.
6. Il-Ftehim ġie ffirmat f'Bern fit-23 ta' Novembru 2017.
7. Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Parlament Ewropew approva l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom⁷.

³ Dokumenti 12684/17 u 12686/17

⁴ Dok. 13074/17 (abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) u 13073/17 (abbozz ta' Ftehim).

⁵ Ara l-Anness għad-dok. 14194/17

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017, ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

⁷ P8_TA(2017)0483

8. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, bħala punt "A":
- jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti⁸;
 - jiddeċiedi li jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni msemmija hawn f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-

⁸ Dok. 13076/17